MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 265/2011

**Carmel sive Charles Farrugia**

**vs**

**Mariella Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-15 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

Illi l-kontendenti qablu u ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni kunsenswali datat 6 ta' Frar 1997 fl-Atti tan-Nutar Dr. Rosella Sciberras (Dok. CA1);

Illi fis-6 ta' Mejju 2008, l-intimata intavolat fil-konfront tar-rikorrenti, ittra ufficjali sabiex tittenta trendi l-kuntratt ta' separazzjni titolu ezekuttiv, liema ittra ufficjali kienet tikkontjeni fiha pretenzjoni kreditarja ta' tnejn u erbghin elf,

tmien mija u sittax-il Euro u sittax-il-centezmu (€42,816.16) u li specifikament kienet tirrifletti t-talba taghha esklussiva ghal arretrati ta’ manteniment;

Illi fl-imsemmija ittra ufficjali, li kopja taghha, qeda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. CA2, gie rilevat illi tali ammont surreferit ta’ tnejn u erbghin elf, tmien mija u sittax-il Euro u sittax-il centezmu (€42,816.16) jirrifletti kif gie indikat ad literam fl-ittra ufficjali stess, *’specifikament ammont li jrid jigi mhallas ghall-obbligi tar-rikorrenti dwar il-manteniment ta’ uliedu l-minuri’* u kontestwalment mal-istess ittra ufficjali gew ipprezentati zewg stimi separati li wahda minnhom tirrifletti verament l-manteniment dovut ghar-retta alimentarja tal-ulied cioe dak ta’ sbatax-il elf, tlett mija u hamsa u hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€17,355.74) li tali ammont diga beda jigi saldat, filwaqt li l-ohra mhijiex rendikont ta’ manteniment izda stima ta’ spejjez extra-kurrikulari, cioe spejjez edukattivi tal-istess ulied li jammonta ghal hamsa u ghoxrin elf, erba’ mija u sittin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€25,460.42), li tali stima giet maghmula purament mill-intimata stess, minghajr il-konsapevolezza, il-kunsens u/jew ahjar l-approvazzjoni tar-rikorrenti nnifsu li qatt ma kellu c-cans li jara u jispezzjona tali kontijiet anki mill-iskola stess li fiha kienu jmorru uliedu, stante li l-imsemmija intimata cahditu mill-access komplet tat-tfal ghal zmien twil;

Illi l-konvenuta in segwitu tas-surreferita ittra ufficjali inizzjat proceduri ta’ subbasta fuq proprjeta immobbli appartenenti lir-rikorrenti liema subbasta ggib nru. 85/08;

Illi l-ammont pretiz mill-intimata kif ser jirrizulta kjarament f’dawn il-proceduri mhuwiex dovut kollu kemm hu, stante illi l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva fuq pretensjoni u premessa infondata fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirrizulta kjarament f’dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, ighid ghaliex l-intimata m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tikkonferma illi l-ammont ta' tnejn u erbghin elf, tmien mija u sittax-il Euro u sittax-il centezmu (€42,816.16) hekk kif pretiz mill-intimata fl-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2008, mhuwiex interament dovut mir-rikorrenti, stante illi l-istess ittra ufficjali giet rez ezekuttiva fuq pretensjoni u premessa infondata fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirrizulta kjarament f'dawn il-proceduri;

2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghal dak surrefert, u prevja tali dikjarazzjoni ta' illegalita u nullita rigwardanti l-mod ta' kif giet reza ezekuttiva l-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2008, thassar l-istess titolu ezekuttiv ottjenut;

3. Taghti kull rimedju, direttiva, ordni u/jew komunika ulterjuri, skond ma' din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprovdi, sabiex tigi korretta din il-procedura anki fil-mori tal-proceduri tas-Subbasta Nru. 85/08;

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimata, li minn issa hija ingunta in subizzjoni;

Rat is-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:

1. Preliminarjament hi teccepixxi l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *ratione materiae* minhabba illi it-titolu ezekuttiv impunjat jirrizulta minn ittra ufficjali (esibita mill-attur bhala dokument CA2) li saret quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, li kienet u ghada dik kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kwistjonijet ta' manteniment;

2. Illi mhux minnu illi l-esponenti esibiet zewg stimi mal-ittra ufficjali imsemmija. Hi pprezentat zewg prospetti precizi u akkurati ghall-ahhar ta' dak li kien dovut mill-attur in ezekuzzjoni tal-obbligi tieghu lejn il-manteniment ta' uliedu;

3. L-ispejjez edukattivi tal-istess ulied kienu dawk normali ta' skejjel privati li l-attur kien ilu snin shah jaf bihom, u qatt ma oggezzjona ghalihom bl-icken mod. Kull spiza hi dokumentata u d-dokumentazzjoni kienet dejjem ghad-

dispozizzjoni tal-attur illi ghall-kumdita' u konvenjenza tieghu qatt ma wera interess illi jezaminaha;

4. L-attur abbanduna lill-uliedu ghal snin shah, u mill-1997 sal-gurnata tal-lum huwa hallas ftit hafna minn dak kollu li kellu jaghti. L-ittra ufficjali kellha issirlu ghaliex tella' bilanc enormi. L-esponenti kienet sikwit taghmel rapporti lill-Pulizija dwar in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment. Izda evidentement l-attur kellu konnessjonijiet tajbin hafna sabiex dejjem jevita illi jigi notifikat. Darba biss l-esponenti irnexxilha taghmel dan wara li kitbet personalment lill-Kummissarju tal-Pulizija tramite d-difensur taghha. F'dik l-istanza l-attur ipprefera imur gimghatejn habs milli jhallas manteniment ghal uliedu!

5. Mhux veru li l-esponenti cahditu mill-access lejn uliedu. Kien hu li abbandunahom. Illum dan l-atteggjament tieghu wassal sabiex uliedu stess sfortunatament ma jridux jafu bih;

6. Hu ghamel xi pagamenti zghar hafna illi lanqas huma bizzejjed sabiex jaqta' l-imghax akkumulat fuq is-sommom li ghad ghandhu jaghti;

7. L-esponenti waslet fl-estremita' illi kellha tirrikorri li taghmel subasta fuq il-kwota ereditarja tal-attur biex forsi xi darba tithallas imqar parti mill-kreditu taghha. Issa wara dan iz-zmien kollu l-attur wasal biex jintenta din il-procedura biex jara kif jista' jevita l-obbligi tieghi jew jottjeni xi ftit tas-snin ohra itella' u jnizzel lill-esponenti il-Qorti biex forsi taqta' qalba milli qatt tithallas u tghaddi tieghu;

8. F'dawn ic-cirkostanzi it-talbiet attrici m'huma xejn aktar hlief tentattiv frivolu u vessatorju biex itawwal l-inevitabbli, u ghalhekk ghandhom jigu michudin kollha bl-ispejjez kontra l-attur li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni;

Rat l-atti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal taghha tat-30 ta' Mejju 2011 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza in parte fuq l-eccezzjoni preliminari tal-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, ghas-6 ta' Ottubru 2011.

**Ikkunsidrat**

B'din l-azzjoni l-attur qed jittanta jannulla u jgib bla effett ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2008 mibghuta mill-konvenuta lill-attur biex tirrendi ezegwibbli certi kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet f'kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet datat 6 ta' Frar 1997. Dawn il-kundizzjonijiet huma enumerati 4 u 5 fil-kuntratt markat Dok. CA1 a fol. 6 tal-process. Klawsola 4 tirreferi ghal hlas ta' retta alimentarja mensili specifika dovut mill-attur lill-konvenuta u wliedu minuri, u klawsola 5 tirreferi ghal hlas da parti tal-attur ta' nofs l-ispejjez skolastici tal-imsemmija tfal minuri, liema ammont mhux specifikat.

L-ittra ufficjali pprezentata kontra l-attur mill-konvenuti biex tirrendi ezegwibbli l-kuntratt ta' separazzjoni saret a bazi tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 li jghid li titoli ezekuttivi li mhux sentenzi huma ezegwibbli fi zmien jumejn wara notifika b'att gudizjarju. L-ittra ufficjali biex tirrendi ezegwibbli l-kuntratt saret fil-Qorti tal-Familja. Hi l-kontenzjoni tal-konvenuta illi kull azzjoni biex ixxekkel jew tirrendi nulla jew ineffikaci l-effetti ta' ittra ufficjali maghmula f'dan il-kuntest kellha ssir fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u mhux fil-Qorti Civili (Sezzjoni Generali)

Din il-Qorti taqbel ma' dak li qal id-difensur tal-konvenuta fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu dwar il-kompetenzi tal-Qorti Civili. L-Avviz Legali 397/2003 kif emendat b'dawk numru 9/2004, 181/2006 u 186/2006, jispecifika d-diversi kompetenzi fi hdan il-Qorti Civili.

Ir-regolament 4 meta jitkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16). Li jinteressa lil din il-Qorti ghal din il-vertenza hi Titolu I li

jitkellem dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, manteniment tal-axxendenti u dixxendenti u separazzjoni personali cioe r-ragunijiet, modalita ta' separazzjoni w effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju inkluz is-successjoni.

Inoltre fl-iskeda tal-istess Avviz Legali nsibu klawsola 9 li tghid hekk:
**9.** (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:
(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew
(b) manteniment bejn il-konjugi; jew
(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew
(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament;

dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu
1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni.

(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.

Il-konvenuta tisottometti illi s-subartikolu 1(a) partikolarment hu dak li jpoggi din il-vertenza fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Din il-Qorti hasbet dwar dan fit-tul. Hu minnu illi l-kwistjoni quddiemha jitratta dwar kwistjoni familjari cioe nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti, separati, kif gia inghad b'kuntratt pubbliku. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi kull vertenza semplicement ghax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza specifika limitata u kif kien qabel, hi l-Qorti Civili Prim'Awla li hi vestita bil-kompetenza li tisma' l-kawzi kollha li ma

jaqghux fil-parametri specifici tal-Qorti tal-Familja, jew il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja.

Harsa lejn it-talba attrici ma tirrigwardax vertenza ta’ separazzjoni in corso li bla dubbju kienet tinkwadra ruhha fil-poteri u mansjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Kaz tipiku gie mistharreg mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Agostino Farrugia vs Salvina Farrugia** (9.02.2005).

Il-kaz quddiem din il-Qorti hu differenti. Il-partijiet anzi l-attur mhux qed jittanta jbiddel dak miftiehem bil-kuntratt tas-separazzjoni li illum hu ligi bejn il-partijiet. Mhux jattakka la l-manteniment dovut lil martu jew tal-wlied minuri u anqas il-klawsola fejn hu obbligat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u ancillari kif jirrizulta mill-istess kuntratt. Ma hemm ebda nuqqas ta’ qbil kif irid l-artikolu 9 tal-iskeda ghall-Avviz Legali 397/2003 li minnu tohrog il-proposta konsegwenzjali da parti tal-attur li ghandu jigi mibdul jew imnehhi xi vinkolu li ntrabat fih fil-kuntratt ta’ separazzjoni.

F’kaz simili li kien jittratta dwar rimbors da parti ta’ wiehed mill-konjugi kontra l-konjugi l-iehor ta’ spejjez inkorsi min wiehed mill-konjugi ghal minuri, spejjez kawtelati f’kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-konjugi, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi** (3.10.2008) qalet hekk:
Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li ghandha kollegament ma’ xi kwestjoni ta’ separazzjoni li ghadha *in corso*, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta’ Frar, 2005 in re: “**Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia**”, u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta’ dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn s-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni intentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta’ l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta’ nofs l-ispiza inkorsa. Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta’ gudikat jew ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l-ohra biex din tonora l-

obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi Qorti ohra.

Din il-Qorti ghandha vertenza li fis-sustanza ma hu jintmess xejn mill-kondizzjonijiet miftehma fil-kuntratt ta' separazzjoni, izda semplicement nuqqas ta' qbil ta' konteggi li saru mill-konvenuta fuq kondizzjonijiet gia miftehma bejn il-partijiet. Il-Qorti adita biex tisma' tali lmenti hi l-Qorti Civili fil-vesti taghha generali u mhux dik specjali li fl-Avviz Legali 397/2003.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni bl-ispejjez jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------